# Aġġornament fuq ix-xogħol li qed isir fil-Bażilika

Kif tafu bħalissa għadu għaddej ix-xogħol fuq il-pasta tas-saqaf tan-naħa tal-kor tal-knisja. L-armar tela' dritt mal-festa ta' San Koronatu f'Novembru 2024 u bdew isiru t-tħejjijiet fuqu sa ftit qabel il-Milied, hekk li dritt wara, f'Jannar 2025, beda x-xogħol ta' eżaminazzjoni tal-ħsara u bdew jitneħħew il-biċċiet kollha li kienu fil-periklu li jaqgħu.

Il-pasta tas-saqaf tlestiet ftit qabel is-sena 1930 mid-dekoratur Paolo Falzon u l-iskultur Ruman Pio Cellini. Din l-iskultura fil-ġibs kienet ġiet marbuta mas-saqaf b'ċintorini rqaq tal-ħadid, li però maż-żmien iddgħajfu ħafna minħabba s-sadid. Minħabba f'hekk fl-1986 il-pasta ġiet imsaħħa u marbuta mill-ġdid b'fildiferru tar-ram ħalli tiġi evitata iktar ħsara. Minkejja dan l-intervent, f'dawn l-aħħar ħamsin sena l-kundizzjoni tal-bejt iddeterjorat u għalkemm kien ġie miksi bil-membrane, xorta waħda t-tixrib tal-ilma wassal biex ċerti partijiet tal-pasta nqasmu u nqatgħu minn mas-saqaf. Kien għalhekk li fl-2019 beda dan il-proġett ta' restawr estensiv tal-pasta tas-saqaf kollu tal-knisja. Dan l-intervent massiċċ qed isir kollu mill-iskultur Mark Falzon li b'tant reqqa u preċiżjoni qed jikkonsolida u jorbot mas-saqaf (b'vireg tal-fibre) l-iskultura tal-pasta li kienet iddgħajfet, jerġa' jwaħħal il-partijiet kollha li kienu nqalgħu u fl-aħħar nett jirrestawra l-induratura tad-deheb li fiha.

It-tkomplija ta' dan ix-xogħol qed issir bl-awtorizzazzjonijiet kollha meħtieġa mill-awtorità tal-Patrimonju Kulturali tal-Knisja (KPKK) u s-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali. Fil-bidu ta' Marzu bħala parti mill-Vista Pastorali, kienet saret ukoll superviżjoni tax-xogħol, li kkonfermat il-validità tal-intervent u apprezzat kemm kollox kien qed isir f'konformità mal-proċeduri tal-konservazzjoni u r-regoli tar-restawr. F'Mejju tlestiet l-ewwel fażi tas-saqaf tal-kor, billi sar l-irbit u l-konsolidament tal-pasta kollha, imbagħad wara pawsa ta' seba' ġimgħat, f'Lulju dħalna għall-aħħar fażi tax-xogħol.

Kontemporanjament kellhom isiru anki t-tħejjijiet sabiex tiġi restawrata l-pittura ċentrali li hemm fis-saqaf tal-kor, mill-Kan. Charles Vella. Dan għaliex din il-parti tas-saqaf tal-kor sofriet bil-wisq aktar ħsarat mill-bqija kollu tal-knisja, tant li ntlaqtet anki t-tila tal-pittura li nstabet fi stat ħażin ħafna u teħtieġ intervent kbir. Hu għalhekk li x-xogħol fuq is-saqaf tal-kor, qed jieħu iktar żmien minn dak mistenni. Fiduċjużi iżda li ma ndumux ma ngawdu riżultati sbieħ u tajbin għall-festi li ġejjin.

Inħeġġiġkom ħafna sabiex tgħinu lil dawk involuti fix-xogħol tal-knisja u tissapportjawhom bit-talb tagħkom, ħalli l-Mulej iħarishom minn kull ħsara u jkompli jagħnihom bit-talenti sbieħ illi għandhom u li qed iservu ta' ġid kbir għall-komunità tagħna tan-Nadur.

*L-Arċipriet Dun Krystof*

Il-Kunsill Lokali flimkien javża li **d-Day Centre se jerġa' jiftaħ nhar it-Tlieta 2 ta' Settembru**. L-ewwel laqgħa se ssir il-Każin tal-Banda Mnarja u bħas-soltu nibdew b'quddiesa fid-9.00am. Dawk li għandhom bżonn it-trasport ikellmu lil Lina fuq 99260629.

Nhar **il-Ħamis 4 ta' Settembru** l-Għaqda Dun Franġisk Grima se torganizza **ħarġa għal Kemmuna**. Se jkun hemm quddiesa mill-Arċipriet Dun Krystof u wara ħin ta' mistrieħ. Min hu interessat għandu jieħu miegħu packed lunch. Tluq minn ħdejn iċ-Ċentru fit-8.30am. Lura fis-1.00pm. Ċemplu lil Tonina fuq 21553041 jew 79823153 jew lil Ġuża fuq 21553041 jew 99228906.

Nhar **it-Tnejn 8 ta' Settembru se jingħad ir-Rużarju** fid-dar ta' Frenċ tal-Għarb. Se jkun hemm trasport bil-vann li jitlaq minn ħdejn l-Uffiċċju Parrokkjali fl-4.15pm.



**Mit-30 ta' Awwissu** se jibdew **is-Sibtijiet tal-Kunċizzjoni**. Se jkun hemm trasport bil-vann minn ħdejn l-Uffiċċju Parrokkjali li jitlaq fis-5.45am għall-quddiesa tas-6.15am.

**Il-Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am